Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.)

GUIDO DE MARCO
President

27 ta' Diċembru, 2001

ATT Nru. XXXI ta' l-2001

ATT biex jemenda l-Att kontra Money Laundering, Kap 373.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, hareġ b'liġi dan li ġej:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dan l-Att hu Att li jemenda l-Att ta' l-2001 kontra *Money Laundering*, u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att ta' l-2001 kontra *Money Laundering*, hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali", u għandu jibda jseħħ f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għall-finanzi jista' b'avviż fil-Gazzetta jistabbilixxi, u dati differenti jistgħu jiġu hekk stabbiliti għal disposizzjonijiet differenti jew għanijiet differenti ta' dan l-Att.

Kap. 373.

(2) Avviż taħt subartikolu (1) ta' dan l-artikolu jista' jagħmel dawk id-disposizzjonijiet transitorji li l-Ministru responsabbli għall-finanzi jista' jqis li jkunu meħtieġa jew spedjenti f'dak li għandu x'jaqsam mad-disposizzjonijiet li jkunu qegħdin hekk jinġiebu fis-seħħ.

Emenda ta' artikolu 2 ta' l-Att prinċipali.

2. Minnufih wara t-tifsira ta' "proprjetà" fl-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali għandha tiżdied din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "il-Korp" tfisser il-Korp mwaqqfa bl-artikolu 15 ta' dan l-Att;".

Żjieda ta' intestatura ġdida ma' l-Att prinċipali.

3. Minnufih qabel l-artikolu 3 ta' l-Att prinċipali għandha tidħol din l-intestatura ġdida li ġejja:

"TAQSIMA I

INVESTIGAZZJONI U PROSEKUZZJONI TA' REATI".

Żjieda ta' intestatura ġdida u ta' artikoli ma' l-Att prinċipali.

4. Minnufih wara l-artikolu 13 ta' l-Att prinċipali għandha tiżdied din l-intestatura ġdida u l-artikoli ġodda li ġejjin:

"TAQSIMA II

KORP GĦALL-ANALISI TA' INFORMAZZJONI FINANZJARJA

"Tifsiriet.

14. F'din it-Taqsima, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra:

"awtorità sorveljanti" għandu jkollha l-istess tifsir bħalma hu oġħti lilha b'regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien taħt dan l-Att jew kif jista' jiġi preskritt taħt dan l-Att;

"il-Bord" tfisser il-Bord ta' Gvernaturi msemmi fl-artikolu 18 ta' dan l-Att;

"iċ-*Chairman*" tfisser iċ-*Chairman* tal-Bord maħtur taħt l-artikolu 20 ta' dan l-Att;

"id-Direttur" tfisser id-Direttur tal-Korp maħtur jew reklutat taħt l-artikolu 23 ta' dan l-Att;

"persuna suġġetta" tfisser kull min ikun meħtieġ iwettaq proċeduri ta' rapportar intern u li jirrapporta operazzjonijiet li jkunu suspettati li jinvolvu *money laundering* taħt regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien taħt dan l-Att jew skond ma jista' jiġi preskritt taħt dan l-Att;

"il-Viċi *Chairman*" tfisser il-Viċi *Chairman* tal-Bord maħtur taħt l-artikolu 20 ta' dan l-Att.

Twaqqif tal-Korp.

15. (1) Ikun hemm aġenzija tal-Gvern, li tissejjaħ Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja.

(2) Il-Korp ikun għaqda ġuridika li jkollu personalità legali distinta u li jkun kapaċi, bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, li jagħmel kuntratti, li jagħmel memoranda ta' intendiment jew kull ftehim ieħor ma' xi korp, awtorità jew aġenzija barranin bħalma hemm imsemmija fil-paragrafu (k) tal-paragrafu (1) ta' l-artikolu 16, li jakkwista, ikollu u jiddisponi minn kull għamla ta' proprjetà għall-finijiet tal-funzjonijiet tiegħu, li jħarrek u li jiġi mħarrek, u li jagħmel dak kollu u li jidħol għal dawk l-operazzjonijiet kollha li jistgħu ikunu inċidentali jew li jwasslu għat-twettiq jew il-qadi ta' dmirijietu taħt dan l-Att, inkluż is-self ta' flus.

(3) Il-Korp għandu jagħmel ftehim ta' qadi li tagħmel l-aġenzija mal-Ministru, liema ftehim għandu jistbbilixxi l-finanzjament ta' l-aġenzija u, mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 16, kull ħidma speċifika li taqa' fl-iskop tal-funzjonijiet tal-Korp li għandhom ikunu indirizzati u miksuba mill-Korp.

(4) Il-membri tal-Korp u l-impjegati kollha tiegħu għandhom jimxu skond kull Kodiċi ta' etika li jkun japplika għal uffiċjali pubbliċi u għandu, bla ħsara għal kull liġi kuntrarja, jkollhom l-istess obbligazzjonijiet skond ma dan ikun jgħid:

Iżda l-Korp jista', bi ftehim mal-Ministru, ifassal valuri ta' servizz u Kodiċi ta' Etika li jkunu jissupplementaw kull Kodiċi ta' Etika li jkun japplika għall-Korp.

Funzjonijiet tal-Korp.

16. (1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet l-oħra ta' dan l-Att u mingħajr preġudizzju għal kull poter ieħor jew funzjoni oħra mogħtija lilu b'dan l-Att jew minn xi liġi oħra, il-Korp ikun responsabbli għall-ġabra, l-kollazzjoni, l-ipproċessar, l-analisi u t-tixrid ta' informazzjoni bil-għan li jiġi miġġieled *money laundering* u mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità ta' dak hawn qabel imsemmi għandu b'mod partikolari jkollu dawn il-funzjonijiet li ġejjin:

(a) li jirċievi rapporti ta' operazzjonijiet li jkunu suspettati li jinvolvu *money laundering* magħmul minn xi persuna suġġetta skond kif jingħad f'xi regolament magħmul taħt l-artikolu 12 ta' dan l-Att, li jissupplementa dawk ir-rapporti b'dik l-informazzjoni addizzjonali hekk kif tista' tkun disponibbli għall-Korp jew hekk kif dan jista' jitlob, li janalizza r-rapport flimkien ma' dik l-

informazzjoni addizzjonali u li jfassal rapport analitiku fuq ir-riżultat ta' dik l-analisi;

(b) li jibgħat rapport analitiku bħal dak imsemmi fil-paragrafu (a) lill-Kummissarju tal-Pulizija għal kull investigazzjoni ulterjuri jekk wara li jkun ikkonsidra r-rapport dwar l-operazzjoni suspettata, il-Korp ikollu wkoll tassew għaliex jissuspetta li l-operazzjoni tkun waħda suspettuża u li tista' tinvolvi *money laundering*;

(ċ) li jissorvelja konformità mill-persuni suġġetti u li jikkopera u jikkordina ma' awtoritajiet sorveljanti sabiex jiżgura li jkun hemm konformità;

(d) li jibgħat lill-Kummissarju tal-Pulizija flimkien ma' kull rapport analitiku mibgħut skond il-paragrafu (b) jew f'kull waqt wara dan kull informazzjoni, dokument, analisi jew materjal ieħor b'sostenn tar-rapport;

(e) li jagħti struzzjonijiet lil persuna suġġetta li tieħu dawk il-miżuri li jitqiesu meħtieġa sabiex tkun faċilitata investigazzjoni dwar *money laundering* b'mod ġenerali jew l-investigazzjoni ta' rapport dwar xi operazzjoni suspettuża partikolari;

(f) li jiġbor informazzjoni dwar l-attivitajiet finanzjarji u kummerċjali fil-pajjiż għal finijiet analitiċi bil-għan li jikxef oqsma ta' attivitajiet li jistgħu jkunu vulnerabbli għal *money laundering*;

(ġ) li jikkompila statistika u records, ixerred informazzjoni, jagħmel rakkommandazzjonijiet, joħroġ linji direttivi u jagħti pariri lill-Ministru dwar kull ħaġa u kwistjoni relevanti għall-prevenzjoni, l-kxif, l-investigazzjoni, l-prosekuzzjoni u l-kastig li jingħata għal reati ta' *money laundering*;

(ħ) li jġib 'il quddiem it-taħriġ ta' persunal, u li jipprovdi taħriġ għalihom, li jkunu impjegati ma' xi persuna suġġetta dwar kull ħaġa, obbligazzjoni jew attività relevanti għall-prevenzjoni ta' *money laundering*;

(i) li jikkonsulta ma' kull persuna, istituzzjoni jew organizzazzjoni li jistgħu jkunu adatti għall-fini li jwettqu l-funzjonijiet tagħha;

(j) li jagħti pariri u jassisti persuni, sew fiżiċi sew legali, li jintroduċu u jiżviluppaw miżuri u programmi effettivi għall-prevenzjoni ta' *money laundering*;

(k) fuq talba li ssirlu jew minn jeddu, li jiskambja informazzjoni ma' xi għaqda, awtorità jew aġenzija barranin li huwa jikkonsidra bħala li għandhom funzjonijiet ekwivalenti jew analoġi għal dawk imsemmija f'dan is-subartikolu u ma' awtorità sorveljanti f'Malta jew ma' xi awtorità sorveljanti barra minn Malta li tqis bħala li jkollha funzjonijiet ekwivalenti jew analoġi bħala awtorità sorveljanti f'Malta, bla ħsara għal dawk il-kondizzjonijiet u restrizzjonijiet li tista' tistabbilixxi, inkluż l-għemil minn qabel, jekk ikun iqis li jkun hekk xieraq, ta' memorandum ta' fehma jew xi qbil ieħor, li jirregola kull tali skambju ta' informazzjoni, meta dik l-informazzjoni tista' tkun relevanti għall-ipproċessar jew l-analisi ta' informazzjoni jew għal kull investigazzjoni li tirrigwarda operazzjonijiet finanzjarji li jkollhom x'jaqsmu ma' *money laundering* u l-persuni naturali jew legali li jkunu involuti;

(l) li jirrapporta lill-Kummissarju tal-Pulizija kull attività li huwa jissuspetta li tkun tinvolvi *money laundering* u li tista' ssir taf biha filwaqt li tkun qed twettaq xi waħda mill-funzjonijiet tagħha.

(2) Il-Korp għandu għall-inqas darba fis-sena jħejji rapport dwar l-attivitajiet tiegħu b'mod ġenerali lill-Ministru u għandu jagħti lill-Ministru faċilitajiet sabiex jikseb informazzjoni dwar il-proprjetà li jkollha u l-attivitajiet tagħha b'mod ġenerali u tipprovdilu prospetti, kontijiet u kull informazzjoni oħra dwar dan.

Responsabbiltà għal danni.

17. Il-Korp, u l-Bord, l-uffiċjali u l-impjegati tiegħu m'għandhomx ikunu responsabbli għal xi ħaġa li ssir jew li tonqos milli ssir fit-twettiq jew fit-twettiq maħsub ta' xi funzjoni taħt dan l-Att, kemm-il darba dak l-att jew dik l-ommissjoni ma jintwerewx bħala li jkunu saru jew naqsu milli jsiru, skond il-każ, b'malafidi.

Tqassim tad-dmirijiet tal-Korp.

18. (1) Il-Korp ikun magħmul minn Bord u minn Direttur.

(2) Il-Bord ikun responsabbli għall-politka li għandha tiġi adottata mill-Korp u li għandha tiġi esegwita u

mwettqa mid-Direttur u li jiżgura li d-Direttur iwettaq dik il-politka skond hekk. Il-Bord ikun ukoll responsabbli biex jagħti pariri lill-Ministru skond m'hu pprovdut fil-paragrafu (ġ) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 16.

(3) Id-Direttur ikun responsabbli għall-esekuzzjoni tal-politka li tiġi stabbilita mill-Bord u biex jesegwixi l-funzjonijiet kollha tal-Korp li ma jkunux attribwiti minn dan l-Att lill-Bord skond il-politka u bla ħsara għal sorveljanza ġenerali tal-Bord.

(4) Il-Bord jista' jaħtar lil xi membru tal-persunal tal-Korp biex jagħmilha ta' direttur meta d-Direttur jkun assenti, inkapaċi li jaġixxi jew bi btala jew matul xi vakanza fil-kariga tad-Direttur.

Għamla tal-Bord.

19. (1) Il-Bord ikun magħmul minn:

(a) erba' membri li jinħatru mill-Ministru bil-mod ipprovdut fis-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu;

(b) mhux iktar minn żewġ membri oħra, kif jista' jintalab mill-Bord, maħtura mill-Ministru bil-mod ipprovdut fis-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu.

(2) Il-Ministru għandu jaħtar l-erba' membri msemmija fil-paragrafu (a) tas-subartikolu (1) billi jagħżel membru wieħed minn kull waħda minn erba' listi, kull lista jkun fiha mill-inqas tliet persuni nominati rispettivament mill-Avukat Ġenerali, mill-Gvernatur tal-Bank Ċentrali, miċ-*Chairman* taċ-Ċentru għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta u mill-Kummissarju tal-Pulizija.

(3) Il-Ministru għandu jaħtar lil kull membru addizzjonali ħekk kif jista' jiġi mitlub mill-Bord skond ma hemm fid-disposizzjonijiet ta' paragrafu (b) tas-subartikolu (1) minn lista ta' mhux inqas minn tliet persuni nominati mill-awtorità u li jiġu indikati mill-Bord dwar kull membru addizzjonali.

(4) Il-membri tal-Bord għandhom jinħatru għal żmien tliet snin u jingħataw dik ir-rimunerazzjoni li l-Ministru jista' jistabbilixxi u jistgħu jerġgħu jinħatru mill-ġdid bil-mod imsemmi fis-subartikoli (2) jew (3), skond il-każ, meta jintemm iż-żmien tal-ħatra tagħhom.

(5) Il-membri tal-Bord ghandhom iwettqu dmirijiethom skond l-arbitriju individwali tagħhom u m'għandhom ikunu suġġetti għal ebda jewdni jew kontroll ta' xi persuna jew awtorità ohra.

(6) Ħadd ma jkun kwalifikat li jinħatar bħala, jew li jkollu l-kariga ta' membru tal-Bord jekk:

(a) ikun legalment inkapaċitat; jew

(b) ikun ġie dikjarat fallut jew inkella jkun għamel komposizzjoni jew skema ta' arranġament mal-krediturì tiegħu; jew

(ċ) ikun insab ħati ta' reat kontra dan l-Att jew ta' reat minn dawk elenkati fl-Ewwel Skeda jew fit-Tieni Skeda li tinsab ma' dan l-Att jew ta' reat ta' *money laundering* kontra d-disposizzjonijet ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha; jew

(d) ma jkunx uffiċjal li qed jirċievi salarju bħala wieħed mill-persunal permanenti fis-servizz ta' l-uffiċjal li minnu huwa jkun se jiġi jew huwa jkun ġie rakkomandat għall-ħatra tiegħu; jew

(e) ikun uffiċjal li qed jirċievi salarju mingħand jew ikun xort'ohra impjegat ma' jew fis-servizz ta' persuna suġġetta jew ikun b'xi mod ieħor professjonalment konness ma' xi persuna suġġetta.

(7) Membru tal-Bord jista' jinħeles mill-kariga mill-Ministru, wara konsultazzjoni ma' l-uffiċjal li jkun irrakkomanda lil dak il-membru, abbażi ta' inkapaċità li jwettaq il-funzjonijiet tal-kariga tiegħu, sew minħabba f'inkapaċità tal-mohh jew tal-ġisem, jew minħabba f'xi kawża ohra, jew minħabba f'imġieba ħażina; u għall-finijiet ta' dan is-subartikolu, nuqqas ta' attendenza kostanti u mhux ġustifikat għal-laqgħat tal-Bord jista' jitqies bħala li jikkostitwixxi mġieba ħażina.

(8) Membru tal-Bord jista' wkoll jirriżenja mill-kariga permezz ta' ittra li tiġi indirizzata lill-Ministru.

(9) Meta jirriżulta li jkun hemm xi vakanza fil-komposizzjoni tal-membri tal-Bord għal xi raġuni li ma tkunx l-iskadenza taż-żmien ta' kariga, dik il-vakanza għandha, għall-kumplament taż-żmien tal-kariga li tkun tbattlet, timtela minn xi membru ieħor li jinħatar mill-Ministru minn fost lista ta' mhux inqas minn tliet persuni li jiġu nominati mill-uffiċjal li jkun innomina l-lista li minnha l-membru li jkun battal il-kariga jkun ġie maħtur.

Chairman u Viċi *Chairman* tal-Bord.

20. Għandhom jinħatru *Chairman* u Viċi *Chairman* mill-Prim Ministru wara konsultazzjoni mal-Ministru minn fost il-membri tal-Bord. Iċ-*Chairman* ikun il-Kap tal-Korp u l-Viċi *Chairman* ikollu l-poteri kollha li jwettaq il-funzjonijiet kollha taċ-*Chairman* meta huwa jkun assenti jew inkapaċi li jaġixxi bħala *Chairman* jew filwaqt li huwa jkun fuq btala jew matul xi vakanza fil-kariga ta' *Chairman*.

Laqgħat tal-Bord.

21. (1) Il-Bord għandu jiltaqa' fi żmien xahar minn meta jiġi kostitwit u mbagħad daqstant daqskemm ikun meħtieġ jew spedjenti wara dakinhar, iżda f'ebda każ inqas spiss minn għaxar darbiet fis-sena. Is-seduti tal-Bord għandhom jitlaqqgħu miċ-*Chairman* b'inizjattiv tiegħu jew fuq it-talba ta' xi tnejn mill-membri l-oħra jew fuq talba li ssir mid-Direttur.

(2) Il-Bord m'għandux jaġixxi kemm-il darba ma jkunx preżenti *quorum* li jkun jikkonsisti fiċ-*Chairman* jew Viċi *Chairman* u mhux inqas minn żewġ membri oħra.

(3) Il-laqgħat tal-Bord għandhom ikunu presjeduti miċ-*Chairman*, jew meta jkun assenti, mill-Viċi *Chairman*.

(4) Id-deċiżjonijiet tal-Bord għandhom ikunu adottati permezz ta' maġġoranza sempliċi tal-voti tal-membri presenti u li jivvotaw u fil-każ ta' voti ndaqs il-membru li jippresjedi waqt il-laqgħa jkollu u jeserċita vot ieħor jew deċisiv.

(5) Id-Direttur ikollu jedd jattendi s-seduti tal-Bord u jieħu parti fid-diskussjonijiet, iżda ma jkollu ebda vot. Salvi d-disposizzjonijiet tas-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu, jekk id-Direttur ikun assenti minn xi seduta, dan ma jkunx jinvalida il-proċedimenti ta' dik is-seduta.

(6) Kull vakanza fost il-membri tal-Bord, u kull parteċipazzjoni fih minn xi persuna li ma jkollhiex jedd tagħmel dan, ma jkunx jinvalida l-proċedimenti tal-Bord.

(7) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, il-Bord jista' jirregola l-proċedura tiegħu nnifsu.

(8) Kull azzjoni li ssir minn xi ħadd li jkun qed jaġixxi bonafidi bħala membru tal-Korp tkun waħda valida daqslikieku huwa kien membru minkejja li jkun hemm xi difett fil-ħatra jew fil-kwalifika tiegħu li jinkixfu wara.

Deċiżjonijiet f'każ ta' emerġenza.

22. F'każ ta' emerġenza, id-deċiżjonijiet għandhom jittieħdu mill-inqas minn żewġ membri tal-Bord, li wieħed minnhom ikun iċ-*Chairman* jew il-Viċi *Chairman*.

Il-persunal eseekuttiv u dak ieħor tal-Korp.

23. Id-Direttur u l-uffiċjali l-oħra u l-persunal tal-Korp għandhom jinħatru jew jiġu reklutati mill-Bord skond dawk il-proċeduri u b'dawk il-pattijiet u l-kondizzjonijiet u f'dak l-għadd li l-Bord jista' jistabbilixxi.

Uffiċjal kordinatur tal-Pulizija.

24. (1) Il-Kummissarju tal-Pulizija għandu jqabbad uffiċjal tal-pulizija li ma jkunx taħt il-grad ta' Spettur sabiex jaġħmilha ta' uffiċjal kordinatur biex jikkordina mal-Korp.

(2) Minkejja kull ħaġa oħra li tkun tgħid il-kuntrarju f'xi liġi oħra l-uffiċjal kordinatur tal-pulizija li jitqabbad kif hawn qabel imsemmi jkun marbut li jżomm sigrieta u konfidenzjali kull informazzjoni li huwa jista' jsir jaf biha bħala riżultat tad-dmirijiet tiegħu bħala uffiċjal kordinatur mal-Korp u m'għandu jikxef dik l-informazzjoni lil ħadd ħlief lil xi membru tal-Korp jew lil xi wieħed mill-persunal tiegħu filwaqt li jkun qed jeserċita l-funzjonijiet tiegħu ta' uffiċjal kordinatur mal-Korp:

Iżda meta l-Korp ikun għamel rapport lill-pulizija skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att il-Korp jista, minħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (4) ta' l-artikolu 31 ta' dan l-Att, jawtorizza lill-uffiċjal kordinatur li jiżvela lill-Pulizija, jew lil xi awtorità kompetenti oħra identifikata mill-Korp bħala li għandha interess fl-investigazzjoni tar-rapport, kull informazzjoni relevanti għal dak ir-rapport li seta' ġie jew li għad jista' jiġi magħruf mill-uffiċjal kordinatur tal-pulizija filwaqt li jkun qed iwettaq dmirijietu mal-Korp.

(3) L-uffiċjal kordinatur tal-pulizija għandu, bla ħsara li jkun konformi ma' kull ħtieġa ta' korp tal-pulizija, jagħmel disponibbli lill-Korp jew lil xi membru tal-persunal tiegħu kull informazzjoni li tkun għad-disposizzjoni tal-pulizija jew li tkun tagħmel parti mir-*records* tal-pulizija daqstant li dik l-informazzjoni tkun relevanti għall-eserċizzju tal-funzjonijiet tal-Korp.

(4) L-uffiċjal kordinatur tal-pulizija għandu jassisti l-Korp fl-analisi u l-ipproċessar ta' rapporti ta' operazzjonijiet suspettużi u ta' informazzjoni u data ta' tagħrif miġbura mill-Korp fl-eserċizzju tal-funzjonijiet tiegħu u għandu jagħti parir lill-Korp dwar it-teknikalitajiet investigattivi u fuq kull punt ta' infurzar tal-liġi.

Rappreżentanza legali u ġudizzjarja tal-Korp.

25. (1) Ir-rappreżentanza legali u ġuridika tal-Korp tvesti fiċ-*Chairman* u meta jkun assenti fil-Viċi *Chairman*:

Iżda l-Korp jista' jaħtar lil xi membru wieħed jew iktar minn fost il-membri l-oħra jew l-uffiċjali jew l-impjegati tiegħu sabiex dawn jidħru f'isem u għan-nom tal-Korp fi proċedimenti ġudizzjarji u f'kull att, kuntratt, istrument jew dokument ieħor ikun liema jkun.

(2) Dokument li jkun maħsub bħala istrument magħmul jew maħruġ mill-Korp u li jkollu jiġi ffirmat miċ-*Chairman* jew mill-Viċi *Chairman* f'isem il-Korp ikun jista' jingieb bi prova u għandu, sakemm ma tingiebx prova xort'oħra, jitqies bħala istrument magħmul jew maħruġ mill-Korp.

Konformità.

26. (1) Il-Korp ikun responsabbli biex jiżgura li persuni suġġetti jħarsu d-disposizzjonijiet ta' dan l-Att u tar-regolamenti magħmulin taħtu fil-qies li dawn ikunu japplikaw għalihom.

(2) Jekk il-Korp ikun ħekk jikkunsidra dan jista':

(a) jawtorizza lill-uffiċjali, l-impjegati jew l-aġenti, wara li juru prova ta' l-awtorità li jkollhom, jeħtieġ li persuna suġġetta tipprovdilu minnufih dik l-informazzjoni jew dawk id-dokumenti li jkollhom x'jaqsmu mal-proċeduri interni ta' dik il-persuna suġġetta għat-tħaris mad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att u tar-regolamenti li jsiru taħtu u li jwieġeb għal kull domanda li l-Korp jista' raġonevolment ikun jeħtieġ

għat-twettieq tal-funzjonijiet tiegħu taħt paragrafu (1) ta' dan l-artikolu;

(b) b'avviż bil-miktub li jiġi notifikat lil xi persuna suġġetta jeħtieġ lil dik il-persuna li ġġib magħha, fi żmien tliet ijiem fil-ħin u l-lok li jista' jiġi speċifikat f'dak l-avviż, dawk id-dokumenti li jistgħu jiġu ħekk speċifikati fl-avviż sakemm dawk id-dokumenti jkunu raġonevolment meħtieġa mill-Korp għall-qadi tal-funzjonijiet tiegħu taħt dan l-Att.

(3) Meta jinġiebu d-dokumenti meħtieġa taħt subartikolu (2) ta' dan l-artikolu, il-Korp jista' jagħmel noti u jieħu kopji ta' dawk id-dokumenti kollha jew ta' xi parti minn dawk id-dokumenti.

(4) Meta d-dokumenti meħtieġa taħt subartikolu (2) ta' dan l-artikolu ma jinġiebux, il-Korp jista' jitlob lill-persuna suġġetta li kienet meħtieġa tipproduċihom li tiddikjara, bil-miktub, għaliex dawk id-dokumenti ma jkunux jistgħu jiġu prodotti.

(5) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 27 ta' dan l-Att, awtorità sorveljanti hija, għall-finijiet tal-paragrafu (a) ta' subartikolu (2) ta' dan l-artikolu, kkunsidrata bħala aġent tal-Korp.

Koperazzjoni ma' l-awtoritajiet ta' sorveljanza.

27. (1) Mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità tad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att il-Korp għandu jikkopera ma' l-awtoritajiet ta' sorveljanza sabiex ikun jista' jassigura li s-sistemi finanzjarji u xi sistemi oħra ma jintużawx għal finijiet kriminali u ħekk jissalvagwardja l-integrità tagħhom.

(2) Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet speċjali ta' kull liġi oħra li tkun tapplika għalihom, l-awtoritajiet ta' sorveljanza għandhom jestendu kull assistenza u koperazzjoni lill-Korp fit-twettieq tar-responsabbiltajiet tiegħu taħt dan l-Att.

(3) Fil-ksib tar-responsabbiltajiet tiegħu taħt id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 26 ta' dan l-Att, il-Korp jista' jitlob lil xi awtorità sorveljanti li tagħmel kull jew xi ħaġa waħda minn dan li ġej u l-awtorità sorveljanti m'għandhiex raġonevolment iżżomm l-assistenza tagħha milli:

(a) tipprovdi lill-Korp b'dik l-informazzjoni li l-awtorità sorveljanti tista' ssir taf biha filwaqt li tkun qed twettaq il-funzjonijiet sorveljanti taghha u li tkun tindika li persuna suġġetta li tkun taqa' taħt il-kompetenza ta' l-awtorità sorveljanti tista' ma tkunx konformi mal-ħtiġiet taħt dan l-Att jew ma' regolamenti li jsiru taħtu;

(b) twettaq, f'isem il-Korp, eżamijiet fuq il-post fuq persuni suġġetti li jaqgħu taħt il-kompetenza ta' l-awtorità sorveljanti bil-għan li jistabbilixxu li dik il-persuna tkun qegħda tikkonforma ruħha mad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att u mar-regolamenti li jsiru taħtu u li tirrapporta lill-Korp skond ħekk.

(4) Il-Korp jista' jawtorizza lil xi wieħed mill-uffiċjali jew l-impjegati tiegħu li jakkumpanjaw lill-awtorità sorveljanti f'kull eżami li jsir fuq il-post li jista' jkun meħtieġ mill-Korp taħt paragrafu (b) tas-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu u kull tali uffiċjal jew impjegat ikollu jedd, meta jġib, jekk ikun ħekk mitlub, prova ta' l-awtorità tiegħu, li jidħol ġo kull fond tal-persuna suġġetta li fuqha jkun qed isir eżami.

Dewmien ta' esekuzzjoni ta' operazzjoni suspettuża.

28. (1) Meta persuna suġġetta tkun konxja jew tissuspetta li operazzjoni li għandha tiġi esegwita jista' jkollha x'taqsam ma' *money laundering* dik il-persuna suġġetta għandha tgħarraf lill-Korp qabel ma jesegwixxi l-operazzjoni billi taghti kull informazzjoni li jkollha x'taqsam ma' l-operazzjoni inkluż il-perjodu li fih din tkun se tiġi esegwita. Dik l-informazzjoni tista' tinghata telefonikament iżda għandha minnufih tiġi kkonfermata permess ta' *facsimile* jew b'xi mezz ieħor bil-miktub u l-Korp għandu mal-ewwel jgħarraf lil min ikun baghat dik l-informazzjoni li din tkun waslitlu.

(2) Meta l-kwistjoni tkun waħda gravi jew urġenti u l-Korp ikun jikkonsidra li tali azzjoni tkun meħtieġa, il-Korp jista' jopponi l-esekuzzjoni ta' operazzjoni qabel l-iskadenza tal-perjodu msemmi fis-subartikolu (1) u għandu minnufih jingħata avviż ta' dik l-oppożizzjoni permezz ta' *facsimile* jew permezz ta' kull kitba oħra.

(3) L-oppożizzjoni li ssir mill-Korp għandha żżomm l-operazzjoni milli ssehh għal 24 siegħa mill-waqt tan-notifika msemmija fis-subartikolu (1) kemm-il darba l-Korp ma jawtorizzax iktar kmieni, b'*facsimile* jew xort'oħra bil-miktub, l-esekuzzjoni ta' l-operazzjoni.

(4) Fejn fil-perjodu msemmi fis-subartikolu (1) ma tkun saret ebda oppożizzjoni mill-Korp kif hemm ipprovdut fis-subartikolu (2) il-persuna suġġetta involuta tista' tipproċedi għall-esekuzzjoni ta' l-operazzjoni inkwistjoni u fejn tkun saret oppożizzjoni kif hemm ipprovdut hawn aktar qabel, il-persuna suġġetta involuta tista' tgħaddi għall-esekuzzjoni ta' l-operazzjoni inkwistjoni malli jiskadi l-perjodu msemmi fis-subartikolu (3) kemm-il darba fil-frattemp ma jkunx ġie notifikat ordni ta' sekwestru lill-persuna suġġetta.

Azzjoni wara l-esekuzzjoni ta' operazzjoni suspettuża li ma tkunx tista' tiddewwem.

29. Meta persuna suġġetta tkun konxja jew tissuspetta operazzjoni li għandha tiġi esegwita tista' tkun marbuta ma' *money laundering* iżda ma tkunx kapaċi tinforma lill-Korp qabel ma tiġi esegwita l-operazzjoni, jew għaliex ma jkunx possibbli li tiddewwem l-operazzjoni minħabba fix-xorta tagħha, jew għaliex id-dewmien fl-esekuzzjoni ta' l-operazzjoni jista' jipprevjeni l-prosekuzzjoni ta' l-individwi li jkunu qegħdin jibbenefikaw mill-*money laundering*, il-persuna suġġetta għandha tinforma lill-Korp minnufih wara li tesegwixxi l-operazzjoni billi tagħti r-raġuni għaliex il-Korp ma jkunx ġie hekk mgħarraf qabel ma jkun esegwixxa l-operazzjoni.

Poter tal-Korp li jitlob informazzjoni.

30. (1) Meta l-Korp jirċeivi rapport bħalma hemm imsemmi fil-paragrafu (a) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 16 jew meta minn informazzjoni li jkollu fil-pussess tiegħu l-Korp jissuspetta li xi persuna suġġetta setgħet intużat għal xi operazzjoni suspetta li tinvolvi *money laundering* il-Korp jista' jitlob mingħand il-persuna suġġetta li tkun qed tagħmel ir-rapport jew mingħand il-persuna suġġetta li tkun suspetta li tkun intużat għal xi operazzjoni suspetta li tkun tinvolvi *money laundering* kif ukoll minn kull persuna suġġetta oħra, mill-pulizija, minn xi Ministeru tal-Gvern, dipartiment, aġenzija jew awtorità pubblika oħra, jew mingħand xi persuna oħra, fiżika jew legali, u mingħand xi awtorità sorveljanti, informazzjoni addizzjonali li jqis li jkun utli għall-fini ta' l-integrazzjoni u l-analisi tar-rapport jew informazzjoni li jkollu fil-pussess tiegħu.

(2) Minkejja kull ħaġa li jista' jkun hemm fl-Att dwar is-Segretezza Professjonali u kull obbligazzjoni ta' segretezza jew kunfidenzjalità taħt kull liġi oħra l-persuna suġġetta jew kull persuna oħra, fiżika jew legali, u kull awtorità jew entità li mingħandha tintalab xi informazzjoni mill-Korp konformement mad-disposizzjonijiet tas-

subartikolu (1) ta' dan l-artikolu għandu jikkomunika l-informazzjoni mitluba lill-Korp u għall-finijiet ta' l-artikolu 257 tal-Kodiċi Kriminali kull tali kxif għandu jitqies li jkun żvelar ta' informazzjoni lil awtorità pubblika meħtieġ bil-liġi:

Iżda ebda ħaġa f'dan is-subartikolu m'għandu jimplika li hemm xi obbligazzjoni fuq l-Avukat Ġenerali li jikkomunika lill-Korp xi informazzjoni li b'xi mod ikollha x'taqsam jew tkun konnessa ma' jew tkun waslet għandu bħala riżultat ta' l-eserċizzju li jsir minnu ta' poteri msemmija fis-subartikolu (3) ta' l-artikolu 91 tal-Kostituzzjoni jew ta' kull obbligazzjoni fuq xi persuna li tikkomunika lill-Korp informazzjoni li kieku waqt proċedimenti legali jkunu protetti milli jiġu żvelati bis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 642 tal-Kodiċi Kriminali jew bis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 588 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

Trasmissjoni ta' informazzjoni lill-pulizija għall-investigazzjoni.

31. (1) Meta wara analisi ta' rapport ta' operazzjoni suspettuża u ta' l-informazzjoni li jkollu f'idejh relevanti għar-rapport il-Korp ikun tal-fehma li jkun jippersisti suspett serju ta' *money laundering*, ir-rapport flimkien ma' kull informazzjoni relevanti li jkollu f'idu u r-riżultati tal-konklużjonijiet ta' kull analisi li ssir mill-Korp għandhom jintbagħtu lill-Pulizija għal iktar investigazzjonijiet.

(2) Id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) għandhom ikunu wkoll japplikaw *mutatis mutandis* għal kull suspett ta' *money laundering* li l-Korp jista' jkun ifforma abbażi ta' informazzjoni li jkollu f'idejh mingħajr ma jkun sar ebda rapport ta' operazzjoni suspettuża lill-Korp jew independentement minn kull tali rapport.

(3) Meta l-Korp jittrasmetti informazzjoni lill-Pulizija skond ma hemm fid-disposizzjonijiet tas-subartikoli (1) u (2) u jkun hemm involuta persuna suġġetta li fuqha xi awtorità jew aġenzija jkollha funzjonijiet supervisorji jew regolatorji, il-Korp għandu jgħarraf lil dik l-awtorità jew aġenzija bl-azzjoni li tittieħed.

(4) Meta l-Korp jittrasmetti informazzjoni lill-Pulizija konformement mas-subartikoli (1) u (2), il-Korp għandu wara li jagħmel dan jgħaddi lill-Pulizija kull informazzjoni relevanti ulterjuri dwar dak is-suspett imwassal lill-Pulizija kif hawn qabel imsemmi.

Informazzjoni.

32. Il-Korp għandu, fuq talba tal-persuna suġġetta, jagħti lill-persuna suġġetta li tirrapporta xi operazzjoni suspetta li tinvolvi *money laundering* dik l-informazzjoni hekk kif il-Korp ikun iqis li jkun ta' interess għall-persuna suġġetta sabiex dik il-persuna suġġetta tkun tista' tirregola l-affarijiet tagħha u biex tassisti l-Korp iwettaq dmirijietu taħt dan l-Att jew kull regolament li jsir bis-saħħa tiegħu.

Ħjiel ta' kxif li jsir mill-uffiċjali jew l-impjegati tal-Korp.

33. Uffiċjal jew impjegat tal-Korp li, f'ċirkostanzi li ma jkunux dawk ipprovduti fil-proviso għas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 24 ta' dan l-Att, jikxef lill-persuna involuta jew lil terzi li tkun qegħda ssir mill-Korp xi investigazzjoni, jew li tkun twasslet informazzjoni lill-Korp minn xi persuna suġġetta, jew li l-Korp ikun għadda informazzjoni lill-pulizija għall-investigazzjoni, ikun ħati ta' reat u jista', meta jinsab ħati, jeħel multa ta' mhux iżjed minn ħamsin elf lira (Lm50,000) jew priġunerija għal żmien mhux iżjed minn ħames snin jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Kunfidenzjalità u kxif permissibli ta' informazzjoni.

34. (1) Il-Korp, u l-uffiċjali, l-impjegati u l-aġenti tiegħu, sew jekk ikunu għadhom fis-servizz tal-Korp sew jekk le, m'għandhom jiżvelaw ebda informazzjoni li jkollha x'taqsam ma' l-affarijiet tal-Korp jew ta' xi persuna, fiżika jew legali, li huma jkunu kisbu fit-twettieq ta' dmirijiethom jew fl-eserċizzju tal-funzjonijiet tagħhom taħt dan l-Att ħlief:

(a) meta jkunu awtorizzati jagħmlu dan taħt xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' dan l-Att;

(b) għall-fini tal-qadi ta' jew l-eserċizzju tal-funzjonijiet tagħhom taħt dan l-Att;

(ċ) meta speċifikament u espressament meħtieġa jagħmlu hekk taħt id-disposizzjoni ta' xi liġi.

(2) Il-Korp jista' jiżvela kull dokument jew informazzjoni msemmija fis-subartikolu (1) lil xi organizzazzjoni barra minn Malta li fil-fehma tal-Korp ikollha funzjonijiet simili għal dawk tal-Korp u li jkollha dmirijiet simili ta' segretezza u kunfidenzjalità bħal dawk tal-Korp jew lil xi awtorità sorveljanti f'Malta jew lil xi awtorità sorveljanti barra minn Malta li fil-fehma tal-Korp ikollha dmirijiet simili għal dawk ta' awtorità sorveljanti f'Malta.

(3) Il-Korp jista', b'mod partikolari, jirrofta li jiżvela xi dokument jew informazzjoni jekk:

(a) fil-fehma tiegħu dak il-kxif ikun jista' jwassal li jikkaġuna preġudizzju għal xi investigazzjoni kriminali li tkun għaddejja f'Malta; jew

(b) minħabba f'ċirkostanzi eċċezzjonali dak il-kxif ikun b'mod ċar għal kollox sproporzjonat ma' l-interessi leġittimi ta' Malta jew ta' xi persuna naturali jew legali; jew

(ċ) dak il-kxif ma jkunx skond il-prinċipji fondamentali tal-liġi ta' Malta:

Iżda kull rifjut taħt dan is-subartikolu għandu jiġi spjegat b'mod ċar lill-korp jew l-awtorità li tkun qed titlob l-iżvelar tad-dokument jew ta' l-informazzjoni.

(4) Il-Korp jista' wkoll jiżvela kull dokument jew informazzjoni msemmija fis-subartikolu (1) lil xi awtorità kompetenti f'Malta jew barra minn Malta li tkun qed tinvestiga xi att jew ommissjoni li jkunu saru f'Malta u li jkunu jikkostitwixxu, jew jekk isiru barra minn Malta kienu kieku f'ċirkostanzi korrispondenti jikkostitwixxu:

(a) xi wieħed mir-reati msemmija fis-subparagrafu (1) tal-paragrafu (a) tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 22 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi; jew

(b) xi wieħed mir-reati msemmija fis-subparagrafu (1) tal-paragrafu (a) tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 120A ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha; jew

(ċ) kull reat ta' *money laundering* fi ħdan it-tifsira ta' dan l-Att:

Iżda dak il-kxif għandu jkun suġġett għall-kondizzjoni li l-informazzjoni jew id-dokument żvelat m'għandux, mingħajr il-kunsens espress tal-Korp,

jintuża għal xi fini oħra li ma tkunx dik ta' l-investigazzjoni jew għal xi prosekuzzjoni sussegwenti għar-reat li jkun is-suġġett ta' l-investigazzjoni jew għal xi proċeduri li jistgħu jwasslu għall-konfiska ta' xi rikavat minn dak ir-reat.

Id-dħul tal-Korp.

35. Id-dħul li jagħmel il-Korp ikun kompost minn:

(a) drittijiet li jitħallsu lill-Korp għal servizzi li dan jagħti;

(b) kirjiet, imgħaxijiet u profitti li jidħlu minn proprjetà, depositi u assi oħra tal-Korp;

(ċ) flejjes li jingħaddewlu mill-Ministru;

(d) flus oħra li jistgħu jiġu riċevuti jew li jkunu ġew riċevuti mill-Korp.

Poteri tal-Korp.

36. (1) Il-Korp jista':

(a) ikollu kontijiet f'banek;

(b) jinvesti l-assi likwidi tiegħu f'titoli ta' l-ewwel klassi għal żmien qasir u medju skond ma jiġi approvat mill-Bord;

(ċ) jakkwista, jixtri, jikri jew jiddisponi minn proprjetà mobbli jew immobbli kif ikun meħtieġ għat-tmexxija ta' l-affarijiet tiegħu jew għal kull fini anċillari jew inċidentali għall-qadi tal-funzjonijiet tiegħu taħt dan l-Att.

(2) Għall-fini li jwettaq xi waħda mill-funzjonijiet tiegħu taħt dan l-Att, il-Korp jista', bl-approvazzjoni bil-miktub tal-Ministru, jissellef jew jiġġenera flus b'tali mod, minn tali persuna, korp jew awtorità, u taħt dawk il-pattijiet u l-kondizzjonijiet li l-Ministru jista' japprova bil-miktub.

Avvanzi li jsiru mill-Gvern.

37. Il-Ministru jista' jagħmel avvanzi lill-Korp ta' dawk l-ammonti li l-Ministru jista' jqis li jkunu meħtieġa mill-Korp sabiex iwettaq xi waħda mill-funzjonijiet tiegħu taħt dan l-Att, u jista' jagħmel dawk l-avvanzi fuq dawk il-pattijiet

u l-kondizzjonijiet li l-Ministru jista' jqis li jkunu xierqa. Avvanzi bhal dawk jistghu jsiru mill-Ministru mill-Fond Konsolidat, u minghajr ebda approprjazzjoni ohra minbarra dan l-Att, b'ordni ffirmat minnu nnifsu li bih jawtorizza lill-*Accountant General* jaghmel dawk l-avvanzi.

Estimi u nfiq.

38. (1) Id-Direttur ghandu, mhux iktar tard minn sitt gimghat qabel it-tmiem ta' kull sena finanzjarja, jippreżenta lill-Bord estimi tad-dhul u l-infiq tal-Korp ghas-sena finanzjarja li tiġi minnufih wara:

Iżda l-estimi ghall-ewwel sena finanzjarja tal-Korp ghandhom jithejjew u jiġu adottati f'dak iż-żmien li l-Ministru jista' b'avviż bil-miktub moghti lill-Korp jispeċifika.

(2) Fit-thejjija ta' dawk l-estimi l-Korp ghandu jaghmel mill-ahjar biex jiżgura li d-dhul totali tal-Korp ikun ghall-inqas suffiċjenti biex ikopri l-ammonti kollha assenjati kif imiss ghall-Kont ta' Dhul u Hruġ tiegħu, inkluż iżda minghajr preġudizzju ghall-ġeneralità ta' dik l-espressjoni, id-deprezzament.

(3) L-estimi ghandhom isiru f'dik l-ghamla u ghandu jkun fihom dik l-informazzjoni u dawk il-paraguni mas-snin ta' qabel hekk kif il-Bord jista' jordna.

(4) Qabel it-tmiem ta' kull sena finanzjarja l-Bord ghandu jikkonsidra u jadotta, bl-emendi jew minghajrhom skond il-każ, l-estimi ppreżentati lilu ghas-sena finanzjarja li tiġi minnufih wara.

(5) Jekk dwar xi sena finanzjarja jirriżulta li l-ammont approvat mill-Bord ma jkunx suffiċjenti jew inkella li tkun oriġinat il-ħtieġa ghal nefqa ghal xi skop li ma jkunx hemm ipprovdut dwaru fl-estimi, id-Direttur jista' jikkaġuna li jsiru estimi supplimentari u li dawn jintbaghtu minnufih lill-Bord sabiex jiġu adottati u f'kull tali każ id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att hekk kif japplikaw ghall-estimi ghandhom daqstant daqskemm ikunu jistghu, japplikaw ghall-estimi supplimentari.

Determinazzjoni u allokazzjoni ta' profitti.

39. Il-profitti kollha li jiġu realizzati mill-Korp għandhom jitqegħdu ġewwa fond ta' riserva li għandu jintuża għal dawk il-finijiet hekk kif il-Korp jista' jqis li jkun meħtieġ biex ikun jista' jwettaq il-miri tal-Korp innifsu, inkluż il-ħlas lura tal-passiv li jista' jkun hemm.

Sena finanzjarja.

40. Is-sena finanzjarja tal-Korp tibda fl-ewwel jum ta' Jannar u ttemm fil-wieħed u tletin jum ta' Diċembru:

Iżda l-ewwel sena finanzjarja għandha tibda fid-data tal-bidu fis-seħħ ta' dan l-artikolu u għandha ttemm fil-wieħed u tletin jum ta' Diċembru tas-sena li tiġi minnufih wara.

Verifika.

41. Il-Korp għandu jżomm kotba ta' kontijiet kif imiss b'dak il-mod hekk kif il-Ministru jista' minn żmien għal żmien jordna. Dawk il-kontijiet għandhom jiġu verifikati minn awdituri li jinħatru mill-Bord bi ftehim mal-Ministru minn fost persuni li jkunu kwalifikati biex jinħatru awdituri ta' kumpannija taħt il-liġi li għal dak iż-żmien tkun fis-seħħ f'Malta, bħallikieku l-Korp kien xi kumpannija bħal dik, u iktar minn hekk dan ikun suġġett għall-verifika li ssir mill-Awditur Ġenerali.

Kontijiet annwali.

42. (1) Il-Bord għandu, kemm jista' jkun malajr imma mhux iktar tard minn tliet xhur wara li ttemm kull sena finanzjarja, jibgħat lill-Ministru -

(a) kopja tal-kontijiet annwali hekk kif iċċertifikati mill-awdituri;

(b) rapport dwar l-operazzjonijiet tal-Korp matul is-sena.

(2) Ir-rapport imsemmi fis-subartikolu (1) għandu jitqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra mill-Ministru mhux iktar tard minn sitt ġimgħat wara t-twassil tiegħu, jew meta l-Kamra ma tkunx f'sessjoni matul dak il-perjodu, mhux iktar tard mit-tieni ġimgħa wara li l-Kamra terġa' tibda bis-seduti tagħha.

Eżenzjoni minn taxxi.

43. Il-Korp ikun eżenti minn kull responsabbiltà għall hlas ta' taxxa fuq l-*income* u taxxa fuq id-dokumenti u trasferimenti taħt kull liġi li tkun f'dak il-waqt fis-seħħ."

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 674 tad-19 ta' Diċembru, 2001.

ANTON TABONE
Speaker

RICHARD J. CAUCHI
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati